# IT-TNIĠĠIS TAL-ARJA U T-TNIĠĠIS AKUSTIKU

It-tniġġis tal-arja u l-ħsejjes eċċessivi jagħmlu ħsara lil saħħitna u lill-ambjent tagħna. It-tniġġis tal-arja prinċipalment jiġi mill-industrija, mit-trasport, mill-produzzjoni tal-enerġija u mill-agrikoltura. L-istrateġija tal-UE fir-rigward tal-kwalità tal-arja tfittex li sal-2020 tiġi rispettata għalkollox il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwalità tal-arja u tistabbilixxi objettivi fit-tul għall-2030. Id-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali tgħin biex jiġu identifikati l-livelli tal-ħsejjes fl-UE u biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex dawn jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. Leġiżlazzjoni separata tirregola t-tniġġis tal-arja u dak akustiku minn għejun speċifiċi.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-ISFOND ĠENERALI

It-tniġġis tal-arja jista' jikkawża mard kardjovaskulari u mard respiratorju kif ukoll il-kanċer, u huwa l-kawża ambjentali ewlenija tal-mewt qabel iż-żmien fl-UE. Ċerti sustanzi, bħalma huma l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, huma karċinoġeni ġenotossiċi għall-bniedem, u ma hemm l-ebda livell limitu identifikabbli li taħtu dawn ma joħolqux riskju. It-tniġġis tal-arja jolqot b'mod negattiv ukoll il-kwalità tal-ilma u tal-ħamrija u jagħmel ħsara lill-ekosistemi permezz tal-ewtrofikazzjoni (tniġġis min-nitroġenu eċċessiv) u tax-xita aċiduża. L-agrikoltura u l-foresti, għalhekk, huma affettwati, bħalma huma wkoll il-materjal u l-bini. It-tniġġis tal-arja għandu ħafna għejun, iżda prinċipalment jiġi mill-industrija, it-trasport, il-produzzjoni tal-enerġija u l-agrikoltura. Filwaqt li t-tniġġis tal-arja fl-Ewropea naqas b'mod ġenerali f'dawn l-aħħar deċennji, l-objettiv fit-tul tal-Unjoni, jiġifieri li tilħaq livelli ta' kwalità tal-arja li ma jkollhomx impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, għadu jinsab f'riskju. L-istandards tal-kwalità tal-arja spiss jinkisru, speċjalment f'żoni urbani ("hotspots" għat-tniġġis tal-arja) — fejn jgħixu l-maġġoranza tal-Ewropej. L-inkwinanti l-aktar problematiċi llum il-ġurnata huma l-partikuli fini, id-dijossidi tan-nitroġenu u l-ożonu troposferiku.

Il-livelli tal-ħsejjes ambjentali qed jiżdiedu fiż-żoni urbani, prinċipalment bħala riżultat tal-volumi tat-traffiku li qed jiżdiedu u l-attivitajiet industrijali u ta' rikreazzjoni li qed jintensifikaw. Huwa stmat li madwar 20 % tal-popolazzjoni fl-UE huma soġġetti għal livelli ta' ħsejjes li huma meqjusa bħala mhux aċċettabbli. Dan jista' jaffettwa l-kwalità tal-ħajja u jwassal għal livelli sinifikanti ta' stress, problemi tal-irqad u effetti ħżiena fuq

is-saħħa bħalma huma l-problemi kardjovaskulari. Il-ħsejjes għandhom impatt ukoll fuq il-ħlejjaq selvaġġi.

## IL-KISBIET FIL-ĠLIEDA KONTRA T-TNIĠĠIS TAL-ARJA

Il-kwalità tal-arja fl-Ewropa ttejbet ħafna mindu l-UE bdiet għall-ewwel darba tindirizza b'mod deċiżiv din il-kwistjoni fis-snin sebgħin. Konċentrazzjonijiet ta' sustanzi bħad-diossidu tal-kubrit ($SO_2$), il-monossidu tal-karbonju (CO), il-benżen ($C_6H_6$) u ċ-ċomb (Pb) naqsu drastikament minn dak iż-żmien 'l hawn. L-UE għandha tliet mekkaniżmi ġuridiċi differenti biex timmaniġġja t-tniġġis tal-arja: id-definizzjoni tal-istandards ġenerali tal-kwalità tal-arja għall-konċentrazzjonijiet ambjentali tal-inkwinanti tal-arja; l-iffissar ta' limiti nazzjonali fuq l-emissjonijiet totali tas-sustanzi niġġiesa; u t-tfassil ta' leġiżlazzjoni li tkun speċifika għall-għajn, pereżempju li tikkontrolla l-emissjonijiet industrijali jew tistabbilixxi standards għall-emissjonijiet tal-vetturi, l-effiċjenza tal-enerġija jew il-kwalità tal-fjuwils. Din il-leġiżlazzjoni hija kumplementata minn strateġiji u miżuri li jippromwovu l-protezzjoni ambjentali u l-integrazzjoni tagħha f'setturi oħra.

**A.** Il-kwalità tal-arja ambjentali

Abbażi tal-objettivi tal-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja tal-2005 (biex il-partikuli fini jitnaqqsu b'75 %, l-ożonu troposferiku b'60 %, u biex it-theddida għall-ambjent naturali kemm mill-aċidifikazzjoni kif ukoll mill-ewtrofikazzjoni b'55 % – kollha sal-2020 meta mqabbla mal-livelli tas-sena 2000), f'Ġunju 2008 daħlet fis-seħħ Direttiva riveduta dwar il-kwalità tal-arja ambjentali, li għaqqdet flimkien il-parti l-kbira tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam. Hija biss ir-raba' "direttiva derivata" tad-Direttiva Qafas preċedenti dwar il-Kwalità tal-Arja li għadha fis-seħħ bħalissa, li tistabbilixxi valuri ta' mira (anqas stretti mill-valuri ta' limitu) għall-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi.

Id-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja ambjentali għandha l-għan li tnaqqas it-tniġġis tal-arja għal livelli li jnaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. Għal dak il-għan, hija tistabbilixxi miżuri li jiddefinixxu u jistabbilixxu objettivi tal-kwalità tal-arja ambjentali (i.e. limiti li ma għandhom jinqabżu mkien fl-UE) fir-rigward tal-inkwinanti prinċipali tal-arja (id-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, l-ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata (fina), iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju u l-ożonu). L-Istati Membri huma mitluba jiddefinixxu żoni u agglomerazzjonijiet bil-għan li jivvalutaw u jimmaniġġjaw il-kwalità tal-arja ambjentali, jimmonitorjaw it-tendenzi fit-tul u jqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Fejn il-kwalità tal-arja hija tajba trid tinżamm kif inhi; fejn il-valuri ta' limitu jinqabżu, trid tittieħed azzjoni.

Fi tmiem l-2013, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa, b'żewġ objettivi ewlenin: il-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti sal-2020 u l-objettivi l-ġodda tal-kwalità tal-arja għall-perjodu sal-2030. L-istrument leġiżlattiv ewlieni biex jintlaħqu dawn l-għanijiet huwa d-Direttiva dwar il-Limiti Massimi Nazzjonali tal-Emissjonijiet riveduta, li tistabbilixxi limiti nazzjonali aktar stretti għall-emissjonijiet tal-ħames inkwinanti ewlenin – id-dijossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, il-komposti organiċi volatili mhux metaniċi, l-ammonijaka u materja partikolata fina — sabiex jitnaqqsu l-effetti ta' ħsara tagħhom fuq l-ambjent u jitnaqqsu bin-nofs l-impatti tagħhom fuq is-saħħa meta mqabbla mal-2005. Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri

jfasslu programmi nazzjonali ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja. Din tittrasponi wkoll l-impenji ta' tnaqqis tal-2020 magħmula mill-UE u l-Istati Membri tagħha skont il-Protokoll ta' Gothenburg rivedut sabiex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar it-tniġġis transfruntier tal-arja fuq distanza twila. Direttiva ġdida biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji, bħal dawk involuti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku jew tat-tisħin domestiku, ukoll ġiet adottata bħala parti mill-programm.

**B.** It-trasport bit-triq

Ġew adottati għadd ta' direttivi biex it-tniġġis mit-trasport jiġi limitat billi jiġu ffissati standard ta' rendiment għall-emissjonijiet għal kategoriji differenti ta' vetturi, bħalma huma l-karozzi, il-vetturi kummerċjali ħfief, it-trakkijiet, il-karozzi tal-linja u l-motoċikletti, u billi tiġi regolata l-kwalità tal-fjuwil. L-istandards tal-emissjonijiet attwali Euro 5 u Euro 6 għall-karozzi u l-vannijiet ħfief jistabbilixxu limiti ta' emissjonijiet għal għadd ta' inkwinanti tal-arja, partikolarment l-ossidu tan-nitroġenu u l-materja partikulata. L-Istati Membri huma mitluba jirrifjutaw l-approvazzjoni tat-tip, ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ u l-introduzzjoni ta' vetturi (u l-apparat ta' kontroll tat-tniġġis ta' sostituzzjoni) li ma jirrispettawx dawn il-limiti. Sa minn Settembru 2017, intuża ċiklu ta' ttestjar aktar realistiku: "Emissjonijiet f'Sewqan Reali" (RDEs) mudelli ta' karozzi ġodda issa ġew ittestjati biex jirriflettu l-kundizzjonijiet reali tas-sewqan. Barra minn hekk, hemm regoli dwar il-konformità fl-użu (li jirrikjedu li l-vetturi jkomplu jikkonformaw mal-istandards waqt iċ-ċirkolazzjoni), id-durabbiltà tal-apparati tal-kontroll tat-tniġġis, is-sistemi dijanjostiċi abbord (OBD), il-kejl tal-konsum tal-fjuwil, u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi għall-operaturi indipendenti. Jeżistu regoli simili għal vetturi heavy-duty bħall-karozzi tal-linja u t-trakkijiet. Regolament ġdid dwar l-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur, applikabbli mill-1 ta' Settembru 2020, reċentement ġie adottat biex itejjeb il-kwalità u l-indipendenza tas-servizzi tekniċi u biex jivverifika jekk il-vetturi li hemm fit-triq jikkonformawx mar-rekwiziti.

**C.** Emissjonijiet oħra tat-trasport

Sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mill-bastimenti — li jingħad li hu responsabbli għal 50 000 mewta qabel iż-żmien kull sena – l-UE stabbiliet limiti għall-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils tal-bunkers tal-baħar użati fuq il-bastimenti li joperaw fl-ibħra Ewropej. Il-limitu ġenerali tal-kubrit se jonqos minn 3.5 % għal 0.5 % sal-2020 f'konformità mal-limiti li sar qbil dwarhom mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Sa mill-2015 qed japplika standard saħansitra aktar strett ta' 0.1 % f'ċerti "Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit" (SECAs) indikati, bħalma huma l-Baħar Baltiku, il-Kanal Ingliż u l-Baħar tat-Tramuntana. Ġew stabbiliti standards oħra ta' rendiment għall-emissjonijiet għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq, bħalma huma l-gafef, il-bulldozers u l-lupi, kif ukoll għat-tratturi agrikoli u tal-forestrija u għall-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni bħalma huma d-dgħajjes sportivi.

**D.** L-emissjonijiet mill-industrija

Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali tkopri l-attivitajiet industrijali li huma bil-wisq inkwinanti u li huma responsabbli għal sehem sinifikanti mit-tniġġis fl-Ewropa.

Hija tikkonsolida u tgħaqqad flimkien id-direttivi rilevanti kollha (dwar l-inċinerazzjoni tal-iskart, il-komposti organiċi volatili, l-impjanti ta' kombustjoni kbar, il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis, eċċ.) fi strument leġiżlattiv koerenti wieħed, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jiġi minimizzat it-tniġġis minn diversi għejun industrijali. Id-Direttiva tistabbilixxi l-obbligi li jridu jiġu ssodisfati mill-installazzjonijiet industrijali kollha, fiha lista ta' miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma, l-arja u l-ħamrija u tagħti bażi għat-tfassil ta' liċenzji tal-operat jew permessi għal installazzjonijiet industrijali. Bl-użu ta' approċċ integrat, hija tqis ir-rendiment ambjentali totali ta' impjant, inkluż l-użu tal-materja prima jew l-effiċjenza enerġetika. Il-kunċett tal-"aħjar tekniki disponibbli" (BATs) jaqdi rwol ċentrali, l-istess bħalma jagħmlu l-flessibilità, l-ispezzjonijiet ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika.

## IL-KISBIET FIR-RIGWARD TAT-TNIĠĠIS AKUSTIKU

L-approċċ tal-UE għat-tniġġis akustiku jinqasam fi tnejn, u jinvolvi: qafas ġenerali għall-identifikazzjoni tal-livelli ta' tniġġis akustiku li jeħtieġ azzjoni kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-UE; u serje ta' atti leġiżlattivi dwar is-sorsi ewlenin ta' ħsejjes, bħal ħsejjes tat-traffiku fit-toroq, fl-ajru u ferrovjarju, u ħsejjes minn tagħmir għall-użu fuq barra.

Id-Direttiva Qafas dwar il-ħsejjes ambjentali għandha l-għan li tnaqqas l-esponiment għall-ħsejjes ambjentali billi tarmonizza l-indikaturi tal-ħsejjes u l-metodi ta' valutazzjoni, tiġbor informazzjoni dwar l-esponiment għall-ħsejjes fis-sura ta' "mapep tal-ħsejjes", u tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Fuq din il-bażi l-Istati Membri huma mitluba jfasslu pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzaw il-problemi tal-ħsejjes. Il-mapep tal-ħsejjes u l-pjanijiet ta' azzjoni jeħtieġ li jiġu rieżaminati mill-inqas kull ħames snin.

Ir-Regolament dwar il-livell tal-ħsejjes tal-vetturi bil-mutur, jintroduċi metodu ta' ttestjar ġdid għall-kejl tal-emissjonijiet tal-ħsejjes, inaqqas il-valuri ta' limitu tal-ħsejjes eżistenti attwalment u jinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjoni tal-ħsejjes fil-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip. Regolamenti oħra jiffissaw limiti fuq il-ħsejjes għall-mopeds u għall-motoċikletti. Dawn ir-regolamenti huma kkomplimentati minn aktar regoli li jittestjaw u jillimitaw il-livelli tal-ħsejjes mit-tidwir tat-tajers u t-tnaqqis gradwali tagħhom.

Minn Ġunju 2016, ir-regoli tal-UE dwar il-ħsejjes mill-avjazzjoni f'konformità mal-"approċċ bilanċjat" maħluq mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), applikaw għal ajruporti b'aktar minn 50 000 moviment ta' inġenji tal-ajru ċivili fis-sena. Dan l-approċċ jikkonsisti f'erba' elementi prinċipali mfassla biex jiġi identifikat l-aktar mod kosteffiċjenti kif jiġu indirizzati b'mod determinat il-ħsejjes mill-inġenji tal-ajru f'kull ajruport individwali: it-tnaqqis tal-livelli tal-ħsejjes f'ras il-għajn permezz tal-użu ta' inġenji tal-ajru moderni, il-ġestjoni tal-art ta' madwar l-ajruporti b'mod sostenibbli, l-adattament ta' proċeduri operattivi biex jitnaqqas l-impatt tal-ħsejjes fuq il-post, u, jekk ikun meħtieġ, l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operar bħalma huma projbizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl.

Fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-interoperabilità ferrovjarja, speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (TSI) dwar il-ħsejjes tistabbilixxi l-limiti massimi tal-ħsejjes li jistgħu

jipproduċu vetturi ferrovjarji (konvenzjonali) ġodda. Ir-Regolament dwar l-imposti għall-ispejjeż tal-effetti tal-ħsejjes jagħti inċentiv biex il-vaguni tal-merkanzija jiġu mgħammra bi blokok komposti tal-brejkijiet b'livell baxx ta' ħsejjes.

Installazzjonijiet industrijali u agrikoli kbar koperti mid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali jistgħu jirċievu permessi wara li jintużaw l-aħjar tekniki disponibbli (ATD) bħala referenzi. Il-ħsejjes li joħorġu mill-impjanti tal-kostruzzjoni (eż. ħsejjes minn gafef, makkinarju li jgħabbi, makkinarju li jċaqlaq il-ħamrija u krejnijiet bit-torri), kif ukoll mill-bċejjeċ tal-baħar rikreattivi jew minn tagħmir magħmul għall-użu fil-beraħ, ukoll huma regolati.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kellu parti deċiżiva fil-formulazzjoni ta' politika ambjentali progressiva biex issir il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja u t-tniġġis mill-ħsejjes.

Pereżempju, il-Membri tal-Parlament Ewropew ivvutaw biex b'mod drastiku l-kontenut tal-kubrit dannuż li jinsab fil-fjuwils marini jitnaqqas minn 3,5 % għal 0,5 % sal-2020 u ġġieldu kontra tentattivi biex din l-iskadenza tiġi posposta b'ħames snin. B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Parlament talab ukoll regoli aktar stretti dwar il-kwalità tal-arja, speċjalment dwar il-partikuli fini. Wara l-iskoperta fl-Istati Uniti li Volkswagen Group użaw softwer li jqarraq bit-testijiet biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' NOx, il-Parlament waqqaf kumitat temporanju ta' inkjesta (EMIS) biex jinvestiga l-kwistjoni tal-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku. Fir-rapport finali tiegħu, hu jitlob li l-Istati Membri u l-manifatturi tal-karozzi jinżammu responsabbli u jħeġġiġhom biex jimmodifikaw jew jirtiraw karozzi li jniġġsu ħafna mis-suq.

Fir-rigward tal-ħsejjes ambjentali, il-Parlament ripetutament enfasizza l-ħtieġa li jsir aktar tnaqqis fil-valuri ta' limitu u li l-proċeduri tal-kejl jittejbu. Huwa talab li jiġu stabbiliti valuri tal-UE għall-ħsejjes madwar l-ajruporti kif ukoll li l-miżuri ta' tnaqqis tal-ħsejjes jiġu estiżi biex ikopru l-inġenji militari tal-ajru tat-tip ġett subsoniċi. Barra minn hekk, hu approva d-dħul gradwali ta' limiti tal-ħsejjes ġodda u aktar baxxi għall-karozzi u għamel kampanja li rnexxiet għall-introduzzjoni ta' tikketti biex il-konsumaturi jiġu mgħarrfa dwar il-livelli tal-ħsejjes, fuq linji simili għal dawk tal-iskemi eżistenti għall-effiċjenza tal-fjuwils, il-ħsejjes tat-tajers u l-emissjonijiet ta' $CO_2$.

Tina Ohliger
05/2019